



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-221/13

Teresa Mascellani

vs

Ministero della Giustizia

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale ordinario di Trento)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 97/81/KE — Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC — Trasformazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol part-time f'kuntratt full-time mingħajr il-kunsens tal-ħaddiem”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-15 ta' Ottubru 2014

Politika soċjali — Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC — Direttiva 97/81 — Leġislazzjoni nazzjonali li tippermetti bdil ta' kuntratt ta' xogħol part-time f'kuntratt ta' xogħol full-time mingħajr il-kunsens tal-ħaddiem ikkonċernat — Ammissibilità

(Direttiva tal-Kunsill 97/81, Anness, klawżola 5, punt 2)

Il-Ftehim qafas dwar xogħol part-time li jinsab fl-Anness tad-Direttiva 97/81, li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC, b'mod partikolari l-Klawżola 5(2) tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġislazzjoni nazzjonali, li abbażi tagħha l-persuna li timpjega tista' tordna l-bdil ta' kuntratt ta' xogħol part-time f'kuntratt ta' xogħol full-time mingħajr il-kunsens tal-ħaddiem ikkonċernat.

Din il-klawżola ma timponix fuq l-Istati Membri l-ħtieġa li jadottaw leġislazzjoni li tissuġġetta għall-kunsens tal-ħaddiem il-bdil tal-kuntratt tiegħu ta' xogħol part-time f'kuntratt ta' xogħol part-time. Fil-fatt, l-imsemmija dispożizzjoni hija intiża biss li teskludi li r-rifjut ta' ħaddiem, fir-rigward ta' tali bdil tal-kuntratt ta' xogħol tiegħu, tkun l-uniku raġuni għat-tkeċċija tiegħu, fl-assenza ta' raġunijiet oġġettivi oħra. Minn dan isegwi li l-klawżola 5(2) tal-Ftehim-Qafas ma tipprekludix leġislazzjoni li tippermetti lill-persuna li timpjega milli tordna, għal tali raġunijiet, il-bdil ta' kuntratt ta' xogħol part-time f'kuntratt ta' xogħol full-time mingħajr il-kunsens tal-ħaddiem ikkonċernat.

(ara l-punti 23, 24, 28 u d-dispożittiv)